**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **9 TA' LULJU 2017**

**Ġabra Speċjali**

Illum qed issir it-tieni ġabra speċjali għall-festa. Nirringrazzjakom tal-ġenerożità tagħkom. Man-noticeboard tal-Knisja sibu r-rendikont tal-Festa ta' Sant'Anna 2016.

**Sagrament taż-Żwieġ Nisrani**

Illum is-Sibt 8 ta' Lulju 2017 fil-6:30pm Quddiesa bis-Sagrament taż-Żwieġ Nisrani.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Illum is-Sibt 8 ta' Lulju 2017 fil-Knisja Villambrosa, il-Ħamrun fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Magħmudija Komunitarja**

Għada l-Ħadd issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Għaqda Mużikali Sant'Anna**

Għada l-Ħadd 9 ta' Lulju 2017 l-Għaqda Mużikali Sant'Anna ser torganizza tombla fuq is-simenta mit-8:00pm 'il quddiem.

***Coffee Morning***

It-Tnejn 10 ta' Lulju 2017 fid-9.00am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kummissjoni Djakonija**

It-Tnejn 10 ta' Lulju 2017 fis-7:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fis-Sala Sant'Anna.

**Ħarġa għall-Birrerija Ewlenija u ikla f'Birżebbuġa**

It-Tlieta 11 ta' Lulju 2017 qed norganizzaw ħarġa għall-Birrerija Ewlenija u ikla f'Birżebbuġa. Tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fid-9:00pm u nkunu lura fis-2:00pm. Biljetti mis-sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali u għal aktar dettalji ċemplu fuq 27636579 jew 79280269.

**Quddiesa bi tħejjija għall-Festa ta' Sant'Anna**

Il-Tlieta 11 ta' Lulju 2017 se ssir quddiesa bi tħejjija għall-festa ta' Sant'Anna fi Ġnien Charles Clews in-naħa tal-Gidwet. Inħeġġu lir-residenti tal-inħawi sabiex jattendu. Fis-7:00pm nibdew bit-talba tar-Rużarju, Quddiesa u wara nkomplu naqsmu l-ferħ tal-festa billi nieħdu xi ħaġa flimkien.

**Kummissjoni Kateketika**

L-Erbgħa 12 ta' Lulju 2017 fl-4:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Kateketika fis-Sala San Anna.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

Il-Ħamis 13 ta' Lulju 2017 fis-7:00pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

**Quddiesa bi tħejjija għall-Festa ta' Sant'Anna**

Il-Ġimgħa 14 ta' Lulju 2017 se ssir quddiesa bi tħejjija għall-festa ta' Sant'Anna fi Triq il-Gross in-naħa ta' Bellavista. Inħeġġu lir-residenti tal-inħawi sabiex jattendu. Fis-7:00pm nibdew bit-talba tar-Rużarju, Quddiesa u wara nkomplu naqsmu l-ferħ tal-festa billi nieħdu xi ħaġa flimkien.

**Tombla fuq is-Simenta Wied il-Għajn**

Il-Ħadd 16 ta' Lulju 2017 ser norganizzaw tombla fuq is-simenta mit-7:30pm 'il quddiem.

**Jum l-għeżież mejtin tagħna**

It-Tlieta 18 ta' Lulju 2017 fil-quddiesa tas-6:30pm ser tkun b'suffraġju għal ħutna li mietu mill-aħħar festa 'l hawn. Ilkoll mistiedna sabiex nattendu flimkien mal-qraba u l-ħbieb tal-għeżież mejtin tagħna. Fuq in-*notice board* fejn il-bieb prinċipali tal-knisja ssibu l-lista tal-ismijiet tal-għeżież tagħna.

**Jum il-Familja Nisranija**

Il-Ħadd 23 ta' Lulju 2017 fil-quddiesa tad-9:15am fil-Parroċċa tagħna niċċelebraw jum il-Familja Nisranija. Mistiedna speċjali dawk li għandhom anniversarju speċjali taż-żwieġ nisrani tagħhom. Jekk jogħġobhom jidħlu fis-sagristija u jieħdu applikazzjoni li tkun lura għandna sa nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju 2017.